# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta’ nhar il-Hamis, 31 ta’ Jannar 2019**

**Kawza Numru : 20**
**Rikors Guramentat Numru : 686/2018 LSO**

**Alfred Mallia [Kl 329247 M]**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Alfred Mallia [Kl 329247 M] datat 27 ta’ Gunju 2018 fejn bil-gurament tieghu kkonferma:-

Illi Peter Paul Mallia twieled fl-14 ta' Gunju 1925 u l-genituri tieghu huma Antonio Mallia u Carmela Mallia nee' Degiorgio kif jidher fl-Att tat-Twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok A;

Illi Carmela Abela twieldet fis-26 ta' Novembru 1926 u l-genituri taghha huma missier mhux maghruf u Giuseppa Abela kif jidher fic-Certifikat tal-Maghmudija hawn anness u mmarkat bhala Dok B [ma jinsabx Att ta' Twelid kif jidher fic-Certifikat mahrug mir-Registru Pubbliku hawn anness u mmarkat Dok B 1];

Illi Peter Paul Mallia zzewweg lil Carmela Abela fl-4 ta' Novembru 1944 kif jidher fl-Att ta' Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok C u Certifikat ta' Zwieg hawn anness u mmarkat Dok C 1;

Illi Peter Paul Mallia miet fil-21 ta' Frar 2018 kif jidher fl-Att tal-Mewt hawn anness u mmarkat bhala Dok D, liema Att tal-Mewt huwa zbaljat peress li hemm imnizzel 'widower of Carmela Mallia nee' **Degiorgio'** minflok 'widower of Carmela Mallia nee' **Abela'** [Dok D 1 huwa Registrazjoni tal-Mewt ta' Peter Paul Mallia];

Illi Carmela Mallia nee' Abela, mart Peter Paul Mallia, mietet fis-27 ta' April 2007 kif jidher fl-Att ta' Mewt hawn anness u mmarkat bhala Dok E u Certifikat tal-Mewt hawn anness u mmarkat Dok E 1;

Illi omma Carmela Abela, ossia Giuseppa Abela hija wild Carmelo Abela u Vincenza Vella, kif jidher fic-Certfikat ta' Twelid hawn anness u mmarkat Dok F;

Jghid ghalhekk l-intimat, ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, prevja kull dikjarazjoni opportuna u ghar-ragunijiet premessi, tiddeciedi billi tiddikjara li l-Att tal-Mewt hawn anness u mmarkat bhala Dok D huwa zbaljat peress li hemm imnizzel 'widower of Carmela Mallia nee' Degiorgio' minflok 'widower of Carmela Mallia nee' Abela', u konsegwentament tordna li ssir tali korrezzjoni.

Bl-ispejjez kontra l-intimat, li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-23 ta’ Ottubru 2018.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 14 ta’ Awwissu 2018 (fol 22) fejn bil-gurament tieghu kkonferma:

Jesponi bil-qima u l-Avukat Dr Neil Harrison ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur bil-gurament tieghu jiddikjara u jikkonferma s-segwenti:

1. Illi preliminarjament r-rikorrent ghandu jipprova l-interess guridiku tieghu sabiex din l-azzjoni tkun tista' tirnexxi.

2. Illi bla hsara ghal premess u preliminarjament ukoll, l-esponent jeccepixxi illi r-rikorrent ghandu rimedju ordinarju iehor sabiex jitlob korrezzjoni fl-Att tal-Mewt tad-decujus. Dan ir-rimedju huwa stipulat f’ Artikolu 257(1)(a) tal-Kodici Civili li jippermetti korrezzjoni ta' jekk il-mejjet kienx mizzewweg jew le, armel jew armla - iema korrezzjoni tista' ssir fuq ordni bil-miktub mill-Imhallef irtirat jew il-Magistrat irtirat jew l-avukat irtirat tal-Qorti ta' Revizjoni tal-Atti Nutarili.

3. Illli bla pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-esponent jiddikjara li ma huwiex edott mill-fatti kif prezentati fir-rikors guramentat;

4. Illi l-esponenti tiddikjara illi ma ssib l-ebda oggezzjoni ghal korrezzjoni fl-Att tal-Mewt bin-numru 940 tas-sena 2018 u dan *in vista* tal-fatt illi skont l-Att taz-Zwieg tad-decujus, liema dokument jinsab anness mar-rikors guramentat u mmarkat bhala Dok. C, jirrizulta li l-mara tieghu hija proprju Carmela Mallia, xebba Abela.

5. Illi bla hsara ghal premess, l-esponent jeccepixxi illi l-azzjoni tar-rikorrent m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u dan *stante* li kien ir-rikorrent stess li ddikjara fil-formola *Notification of Death*, annessa mar-rikors guramentat u mmarkata bhala Dok. D1, illi kunjom xbubit Carmela Mallia huwa 'Degiorgio'. Kien l-attur ukoll li ffirma l-imsemmija dikjarazzjoni. Kwindi l-Att tal-Mewt ta' Pietro Paolo Mallia gie komplut bl-informazzjoni illi pprovda l-attur nnifsu. *In vista* ta' dan l-esponent m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed jigi ngunt in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta 8 ta' Jannar 2019 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Dr Farrugia Sacco ddikjara li m'ghandux provi ulterjuri, l-istess iddikjarat Dr Stephanie Ellul. Id-difensuri prezenti iddikjaraw li l-kawza tista' tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Jannar 2019 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequens* tal-Kodici Civili**, li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fil-5 ta' Lulju 2018 (fol18).

Referibbilment ghall-ewwel eccezzjoni, gie dikjarat fil-verbal datat 23 ta' Ottubru 2018, li Carmela Mallia nee` Abela hija omm ir-rikorrenti. Illi gie pprezentat kopja tal-att tat-twelid tieghu esebit, a fol 28 tal-process. *In vista* tac-certifikat esebit a fol 27, gie dikjarat li l-intimat mhuwiex ser jinsisti fuq l-ewwel eccezzjoni (fol 29).

Illi r-rikorrent qed jitlob li l-att tal-mewt ta' Peter Paul Mallia, li kien mizzewweg lil Carmela Mallia nee` Abela, esebit bhala Dok D jigi korrett billi minflok "widower of Carmela Mallia nee` Degiorgio" jitnizzel widower of Carmela Mallia nee` Abela."

Ikkonsidrat li l-intimat ma oggezzjonax ghat-talba kif dedotta, ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza.

Jirrizulta mill-atti esebiti mar-rikors promotur, li Carmela Abela twieldet fis-26 ta' Novembru 1926 kif jidher minn Dok B, li huwa c-certifikat tal-Maghmudija taghha, *stante* li minn Dok B1 esebit a fol 7 jidher li ma nstabx l-att tat-twelid taghha. Illi minn Dok B, ic-certifikat tal-Maghmudija jidher li Carmela kien kunjomha Abela. Sussegwentement, Carmela Mallia zzewget lil Peter Paul Mallia fl-4 ta' Novembru 1944, kif jidher mic-certifikat taz-Zwieg tal-Parrocca Dok C1 (fol 9), u mill-att taz-Zwieg Dok C (fol 8). Ghalhekk, jirrizulta li mart Peter Paul Mallia kienet Carmela Mallia nee` Abela. Fil-fatt, l-att tal-Mewt ta' Carmela Mallia, mart Peter Paul Mallia huwa esebit bhala Dok E. Illi kienet omm Peter Paul Mallia li kien jisimha Carmela Mallia nee` Degiorgio, kif jidher mill-att tat-twelid ta' Peter Paul Mallia esebit bhala Dok A (fol 5).

Ikkonsidrat li l-Ligi taghna tirrikonoxxi bhala prova tal-kontenut taghhom sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju *inter alia "l-atti u r-registri tal-parrocci dwar twelid, zwieg u mewt, u d-disposizzjonijiet maghmula skont il-ligi quddiem Kappillan."* (**art. 629 (b) tal-Kap 12**). Illi f'dan il-kaz, ir-

rikorrent esebixxa c-certifikat tal-Maghmudija ta’ Carmela Mallia, debitament iffirmat mill-Arcipriet, *stante* li l-att tat-Twelid taghha ma nstabx.

Ghaldaqstant, *in vista* ta’ dak eccepit mill-istess intimat, li m’hemmx oggezzjoni ghat-talba odjerna fil-mertu, tqis li t-talba tar-rikorrenti hija gustifikata.

Izda, taqbel ma’ dak sottomess mid-Direttur intimat, li ma jirrizultax li sar zball li ghandu jigi addebitat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, *stante* li dak imnizzel fl-att tal-Mewt huwa dak dikjarat mid-dikjarant.

Ghal dak li jirrigwarda it-tieni eccezzjoni dwar dak stipulat f’ Artikolu 257(1)(a) (recte: art.257(a)) tal-Kodici Civili li jippermetti l-korrezzjoni mitluba b'talba apposita quddiem il-Qorti ta' Revizjoni tal-Atti Nutarili, b'dan ma jfissirx li din il-Qorti mhix kompetenti biex tiehu konjizzjoni tal-kawza odjern. Il-Qorti ta' Revizjoni, ma teskludix il-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti izda il-procedura specjali certament hija wahda iktar espedjenti u tinvolvi inqas spejjez. F'tali kaz certament r-rikorrent jirrendi ruhu passabbli ghall-ispejjez gudizzjarji tal-procedura maghzula minnu.

F'kwalsiasi kaz, jirrisulta mill-atti li l-ispejjez gudizzjarji tal-kawza mhumiex imputabbli ghall-intimat.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi tichad l-eccezzjonijiet sollevati fejn huma

inkompatibbli ma' din is-sentenza filwaqt li tilqa' t-talba tar-rikorrent u tordna li ssir id-debita korrezzjoni fl-att tal-mewt numru 940 tas-sena 2018, fis-sens, li taht il-kolonna "Jekk ghazeb/xebba, mizzewweg/mizzewga, armel/armla" il-kliem "widower of Carmala Mallia nee` Degiorgio" ghandu jigi sostitwit bil-kliem "widower of Carmela Mallia nee` Abela".

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu **256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**31 ta' Jannar 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**31 ta' Jannar 2019**